TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Doris Sammut**

**vs**

**Fair Deal Furniture (Malta) Ltd**

CCT 256/24/CC

Illum 6 ta' Mejju, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attrici ipprezentata fit-12 ta' Dicembru 2024, fejn talbet hlas ta' l-ammont ta' €6,400 (sitt elef u erba' mitt ewro) rapprezentanti ammont reklamat in vista li l-ghamara mixtrija minghand is-socjeta intimata ma nhadmitx skond l-arti u s-sengha.

Ra li s-socjeta intimata Fair Deal Furniture (Malta) Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta, fejn *inter alia* gie rilevat li l-ammont reklamat mill-attrici ma huwiex dovut, ghar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta.

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi, deheret l-attrici Doris Sammut, u x-xhud Silvio Sammut li entrambi ddeponew *viva voce,* u deher ir-rapprezentant tas-socjeta intimata Arnold Vella, li wkoll ddepona *viva voce.*

Ra illi fis-seduta tat-18 ta' Frar 2025 l-attrici irriduciet l-ammont originarjament reklamat minnha ghal €5,900 (hames elef u disat mitt ewro).

Illi fis-seduta datata 1 ta' April 2025, l-attrici ipprezentat dokument immarkat bhala Dokument DSX, fejn ikkonfermat li l-ammont reklamat minnha huwa ta' €5,900 (hames elef u disat mitt ewro), kif ukoll ta' €500 (hames mitt ewro) bhala danni. Dan l-ammont ta' €500 (hames mitt ewro) bhala danni gie ikkonfermat fl-istess seduta, u mhux kif gie indikat fid-dokument immarkat bhala Dokument DSX.

Ra illi fis-seduta ta' l-1 ta' April 2025, bi qbil bejn il-partijiet, it-Tribunal ikkonceda terminu ta' tlett gimghat sabiex possibilment il-vertenza bejn il-partijiet tigi konkluza b'mod bonarju.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li din it-tilwima tirrigwarda ordni ta' ghamara li saret mill-attrici minghand is-socjeta intimata, f'April 2024. Jirrizulta li l-installazzjoni ta' l-ordni saret f'Lulju 2024, fejn sussegwentement beda l-iskambju bejn l-attrici u s-socjeta intimata, rigwardanti n-nuqqasijiet relatati ma' l-istess ordni.

Illi s-socjeta intimata tipprezenta versjoni kuntrastanti ghal dak sottomess mill-attrici, u tichad li kien hemm xi nuqqasijiet da parti taghha.

Illi jirrizulta li l-attrici permezz ta' korrispondenza datata 21 ta' April 2025 ipprezentata fl-atti ta' dawn il-proceduri, ikkonfermat li n-nuqqasijiet li kien hemm fl-ordni ta' l-ghamara, kienu gew rimedjati.

Illi t-Tribunal jinnota, li l-attrici tirrimarka li minkejja li l-vertenza originarjament li wasslet ghal intavolar ta' dan l-ilment giet solvuta, hija kienet qieghda izzomm sod it-talba taghha ghad-danni, minhabba d-dewmien li esperjenzat sabiex tintlahaq soluzzjoni.

Ikkunsidra;

Illi t-Tribunal, minn analizi tal-provi prodotti, u wara li sema' lil entrambi l-partijiet jixhdu fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li, in vista tad-dewmien sabiex il-vertenza bejn il-partijiet tigi konkluza, t-talba ghad-danni avvanzata mill-attrici ghandha tigi akkolta limitatament, u dan fl-ammont ta' €250 (mitejn u hamsin ewro).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal, wara li ha in konsiderazzjoni d-dokumentazzjoni ipprezentata fl-atti ta' dawn il-proceduri, u wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi:

filwaqt li qieghed jichad it-talba avvanzata mill-attrici ghal hlas ta' l-ammont ta' €5,900 (hames elef u disat mitt ewro) stante li jirrizulta ftehim bejn il-partijiet hekk kif ikkonfermat mill-attrici, t-Tribunal qieghed jikkundanna lis-socjeta intimata thallas l-ammont ta' €250 (mitejn u hamsin ewro) rapprezentanti danni morali sofferti mill-attrici ghad-dewmien esperjenzat minnha sabiex il-vertenza tigi konkluza.

Kull parti f'dawn il-proceduri ghandha thallas l-ispejjez taghha.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888